



*Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi
Il-President*

26.5.2021

Is-Sinjura Dolors Montserrat
President
Kumitat għall-Petizzjonijiet
Brussell

Suġġett: Opinjoni dwar il-protezzjoni tal-persuni b'diżabilità permezz tal-petizzjonijiet: it-tagħlimiet meħuda (2020/2209(INI))

Sinjura President,

Skont il-proċedura inkwistjoni, il-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi ngħata l-istruzzjoni li jippreżenta opinjoni lill-Kumitat tiegħek. Fil-laqgħa tiegħu tas-16 ta' Marzu 2021, il-koordinaturi tal-kumitat iddeċidew li jibgħatu din l-opinjoni fil-forma ta' ittra.

Fil-laqgħa tal-25 ta' Mejju 2021¹, il-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi eżamina l-kwistjoni u ddeċieda li jistieden lill-Kumitat għall-Petizzjonijiet, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu.

Dejjem tiegħek,

Evelyn Regner

¹ Dawn li ġejjin kienu preżenti għall-votazzjoni finali: Isabella Adinolfi, Simona Baldassarre, Robert Biedroń (Viċi President), Vilija Blinkevičiūtė, Annika Bruna, Rosa Estaràs Ferragut, Frances Fitzgerald, Cindy Franssen, Heléne Fritzon, Lina Gálvez Muñoz, Elena Kountoura, Alice Kuhnke, Predrag Fred Matić, Karen Melchior, Andżelika Anna Możdżanowska, Pina Picierno, Sirpa Pietikäinen, Samira Rafaela, Evelyn Regner (President), Diana Riba i Giner, Eugenia Rodríguez Palop (Viċi President), María Soraya Rodríguez Ramos, Christine Schneider, Sylwia Spurek (Viċi President), Jessica Stegrud, Irène Tolleret, Isabella Tovaglieri, Ernest Urtasun, Hilde Vautmans, Elissavet Vozemberg-Vrionidi (Viċi President), Margarita de la Pisa Carrión u Elżbieta Katarzyna Łukacijewska.

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi jistieden lill-Kumitat għall-Petizzjonijiet, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

- A. billi 46 miljun mara u tifla fl-Unjoni Ewropea qed jgħixu b'dizabilità²;
- B. billi n-nisa u l-bniet b'diżabilità jesperjenzaw diskriminazzjoni intersezzjonali multipla u sfidi li jirriżultaw mill-intersezzjoni tal-ġeneru u d-diżabilità mal-orjentazzjoni sesswali, l-identità tal-ġeneru, l-espressjoni tal-ġeneru, il-karatteristiċi tas-sess, il-pajjiż tal-orìġini, il-klassi, l-istatus tal-migrazzjoni, l-età, jew l-orìġini razzjali jew etnika; billi huwa aktar probabbli li n-nisa b'diżabilità minn kuntesti ta' minoranza jesperjenzaw diskriminazzjoni tripla minħabba s-sitwazzjoni vulnerabbli tagħhom; billi d-diskriminazzjoni toħloq ostakli għall-parteciċipazzjoni tagħhom fl-oqsma kollha tal-ħajja, inklużi żvantaġġi soċjoekonomiċi, iżolament soċjali, vjolenza abbażi tal-ġeneru, sterilizzazzjoni furzata u abort, nuqqas ta' aċċess għal servizzi komunitarji, kultura, sport u divertiment, akkomodazzjoni ta' kwalità baxxa, istituzzjonalizzazzjoni u kura tas-saħħa inadegwata; billi dawn l-ostakli jnaqqsu l-probabbiltà li dawn in-nisa jipparteċipaw bis-sħiħ fis-soċjetà, jinvolvu ruħhom b'mod attiv fis-soċjetà u jikkontribwixxu għaliha, inkluż fl-edukazzjoni u fis-suq tax-xogħol;
- C. billi fl-Unjoni Ewropea, 20,6 % biss tan-nisa b'diżabilità għandhom impjieg full-time, meta mqabbla ma' 28,5 % tal-irġiel b'dizabilità³; billi ċ-ċifri juru li, bħala medja, 29,5 % tan-nisa b'diżabilità fl-UE huma friskju li jisfaw vittmi tal-faqar u l-esklużjoni soċjali, meta mqabbla ma' 27,5 % tal-irġiel b'dizabilità⁴;
- D. billi l-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità tinnota li n-nisa u l-bniet b'diżabilità huma friskju akbar ta' vjolenza kemm fid-dar kif ukoll barra mid-dar; billi xi Stati Membri għadhom ma rratifikawx il-Konvenzjoni ta' Istanbul; billi l-estensjoni tal-oqsma tal-kriminalità biex jinkludu forom speċifiċi ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru skont l-Artikolu 83(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) se tipprovdi protezzjoni akbar għan-nisa u l-bniet b'diżabilità;

Il-protezzjoni tad-drittijiet tan-nisa b'diżabilità

1. Jilqa' l-Istrateġija tad-Diżabilità 2021-2030 u r-referenzi tagħha għall-isfidi speċifiċi li jiffaċċjaw in-nisa u l-bniet b'diżabilità; jitlob li l-intersezzjoni tal-ġeneru u d-diżabilità tiġi integrata fil-politiki, fil-programmi u fl-inizjattivi kollha tal-UE, kif ukoll fil-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali tal-Istati Membri; jitlob li jiġi ottimizzat l-użu tal-

² Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-29 ta' Novembru 2018 dwar is-sitwazzjoni tan-nisa b'diżabilità, ĠU C 363, 28.10.2020, p. 164.

³ L-Indiċi tal-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri 2020.

⁴ Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar l-Istrateġija Ewropea tad-Diżabilità wara l-2020, Testi adottati, P9_TA(2020)0156.

istrumenti ta' finanzjament eżistenti u futuri tal-UE għall-promozzjoni tal-aċċessibbiltà u n-nondiskriminazzjoni;

2. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw l-iżvilupp sħiħ, l-avvanz u t-tiżi tal-pożizzjoni tan-nisa b'diżabilità u jippromwovu l-parteċipazzjoni tagħhom fit-teħid ta' deċiżjonijiet pubbliċi; jirrimarka li għandhom jiġu stabbiliti miżuri adegwati biex jiġi żgurat li l-perspettivi tagħhom jiġu kkunsidrati bis-sħiħ u li, flimkien ma' korpi konsultattivi speċifiċi għad-diżabilità, tiġi promossa l-parteċipazzjoni tal-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw lin-nisa b'diżabilità;
3. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jindirizzaw b'mod urġenti l-vjolenza abbażi tal-ġeneru li n-nisa u l-bniet b'diżabilità jiffaċċjaw b'mod sproporzjonat permezz tal-Konvenzjoni ta' Istanbul u billi jestendu l-oqsma tal-kriminalità biex jinkludu forom speċifiċi ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru skont l-Artikolu 83(1) tat-TFUE; jistieden lill-Kummissjoni tuża dan bħala bażi ġuridika biex tipproponi miżuri vinkolanti u direttiva qafas olistika tal-UE għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra kull forma ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-ħtiġijiet tan-nisa b'diżabilità jiġu inklużi f'inizjattivi li jipprovdu appoġġ lill-vittmi permezz tal-Istrateġija dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri u l-Istrateġija dwar id-Drittijiet tal-Vittmi, u tiżgura li l-appoġġ għall-vittmi jkun imfassal f'konformità mal-prinċipju tal-aċċessibbiltà;
4. Jiddispjaċih għad-diskriminazzjoni bbażata fuq il-ġeneru li n-nisa u l-bniet b'diżabilitajiet fiżiċi kif ukoll konjittivi jesperjenzaw fis-settur mediku; iqis li n-nisa u l-bniet b'diżabilità jeħtiġilhom ikollhom aċċess sħiħ u ugwali għal trattamenti mediċi li jissodisfaw il-ħtiġijiet partikolari tagħhom, permezz ta' kura tas-saħħa speċifika għad-diżabilità u servizzi ġenerali; jistieden lill-Istati Membri jiżguraw edukazzjoni ulterjuri tal-professjonisti mediċi fir-rigward tal-ħtiġijiet speċifiċi tan-nisa u l-bniet b'diżabilità, u jiżguraw li n-nisa u l-bniet b'diżabilità jirċievu l-informazzjoni xierqa kollha biex ikunu jistgħu jieħdu deċiżjonijiet b'mod liberu rigward saħħithom;
5. Jitlob ir-rispett universali għas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati, u l-aċċess għalihom; jiddispjaċih dwar ir-rigressjoni kontra s-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati tan-nisa f'xi pajjiżi, li hija partikolarment ta' ħsara għan-nisa u l-bniet b'diżabilità, li jiffaċċjaw ostakli addizzjonali fl-aċċess għall-kura tas-saħħa; jenfasizza l-importanza li l-Istati Membri jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex tiġi miġġielda l-isterilizzazzjoni furzata; ihegġegħ lill-Istati Membri jiżguraw l-investment pubbliku biex jiggarantixxu aċċess sħiħ għas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati tan-nisa u l-bniet b'diżabilità; jiddispjaċih li l-edukazzjoni dwar is-sesswalità spiss tiġi miċħuda lill-bniet b'diżabilità; ihegġegħ lill-Istati Membri jiżguraw edukazzjoni komprensiva u inklużiva dwar is-sesswalità u r-relazzjonijiet;
6. Jistieden lill-Istati Membri jiggarantixxu sistema edukattiva aċċessibbli u mhux stereotipata, b'miżuri edukattivi inklużivi, li jħejju lin-nisa u l-bniet b'diżabilità għas-suq tax-xogħol, b'enfasi speċifika fuq il-kapaċitajiet diġitali u t-tagħlim tul il-ħajja, u jiggarantixxu li n-nisa u l-bniet b'diżabilità jkun jistgħu jagħżlu l-oqsma ta' studju tagħhom, sabiex ikunu jistgħu jfittxu impjegi li jixtiequ jagħmlu u li fihom ikunu jistgħu jużaw il-potenzjal sħiħ tagħhom u ma jkun limitati minn inaċċessibbiltà, preġudizzji jew stereotipi; jirrikonoxxi r-rabta bejn l-edukazzjoni u l-impjegi sussegwenti; jisħaq fuq il-ħtieġa ta' aċċess sħiħ għall-edukazzjoni sabiex tiġi miġġielda

d-differenza fl-impjiegi;

7. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jindirizzaw id-differenza fl-impjiegi li jħabbtu wiċċhom magħha n-nisa b'diżabilità, b'mod partikolari billi jindirizzaw l-istereotipi marbutin mal-ġeneru, isaħħu l-parteċipazzjoni tagħhom fl-ekonomija diġitali, iżidu r-rappreżentanza tagħhom fl-edukazzjoni, fit-taħriġ u fl-impjiegi fis-suq ta' għaliġ u fl-impjiegi STEM, u jiġġieldu kontra d-deterrenti għax-xogħol bħall-fastidju sesswali; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu miżuri konkreti biex jiżguraw li n-nisa b'diżabilità jipparteċipaw fit-teħid ta' deċiżjonijiet u jirċievu paga ugwali għal xogħol ugwali permezz ta' miżuri vinkolanti ta' trasparenza fil-pagi, biex jiġġieldu r-riskju għoli tagħhom ta' faqar fost dawk li jaħdmu u biex jaġġustaw ir-regolamenti tax-xogħol bħal arranġamenti tax-xogħol flessibbli u liv tal-ġenituri għall-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jappoġġjaw mudelli ta' negozju tal-ekonomija soċjali u inizjattivi mmirati lejn it-titjib tal-inklużjoni soċjali u tax-xogħol tan-nisa b'diżabilità permezz tal-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ekonomija Soċjali;
8. Jinnota li aktar ġbir ta' data u informazzjoni huwa kruċjali biex wieħed jifhem is-sitwazzjoni li jiffaċċjaw in-nisa u l-bniet b'diżabilità; jitlob li jkun hemm data rilevanti, preċiża u diżaggregata sensittiva għall-kwistjonijiet ta' ġeneru u diżabilità biex jitqiesu l-isfidi li jħabbtu wiċċhom magħhom in-nisa b'diżabilità, b'mod partikolari fis-suq tax-xogħol.